MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 678/2004

**David Borg**
**vs**
**Stephen Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Dicembru, 2004 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma in linea ta' danni l-ammont li ghandu jigi likwidat occorrendo bl-opera ta' periti nominandi b'rizultat tax-xogholijiet ta' waterproofing li saru fil-fond 'Aktarx', 62, Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u dana skond kif certifikat mill-Perit Godwin Abela, kopja ta' liema hawn anness markat Dokument 'A'.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi ddikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef liri ta' Malta (Lm 5,000)

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-lum tal-hlas effettiv, kontra il-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Camilleri pprezentata fit-2 ta’ Frar 2005 fejn eccepixxa:

*1. “Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta peress illi l-eccippjent ma ghandu ebda responsabbilita tal-eventwali hsarat allegatament kagonati fil-bini in kwistjoni u dana in vista tal-fatt illi huwa esegwixxa x-xogholijiet skond kif titlob is-sengha u l-arti u b’materjal mill-aqwa skond kif mitlub u approvat mill-Perit tekniku tal-istess attur;*
*2. Illi ghandu jirrizulta invece li l-allegata hsara giet kagonata per konsegwenza ta’ caqliq fl-istruttura nfisha ghal liema akkadut m’ghandux certament iwiegeb l-istess eccippjent;*
*3. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”*

Rat fil-verbal tal-11 ta’ Marzu, 2005 il-Qorti diversament preseduta, innominat lil Espert Tekniku AIC Alan Saliba bl-assistenza ta’ Joseph Borg bhala espert fil-*water proofing*.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta’ Mejju 2005 xehed l-**attur David Borg** fejn iddikjara illi l-perit tieghu Godwin Abela rrakomanda lill-intimat ghal bzonnijiet ta’ waterproofing. Huma kellhom terrazin u *patio* li kienu gew *waterproofed* bil-*common roll membrane* u ma kienu taw l-ebda problema. Kien hemm ukoll zewg areas li gew mghottija bil-haxix (*lawn*) fiz-zewg nahat tal-pool u giet applikata zebgha tal-membrane fuqhom. L-attur sostna illi huwa kellu x’jifhem mill-kitba fuq il-van tal-intimat illi l-materjal kellu 600% elasticita u ghaxar snin garanzija. Dan il-materjal intuza taht il-haxix, fil-pool u fil-giebja.

L-attur iddikjara illi z-zewg nahat tal-pool, taht iz-zewg lawns, kienu llikjaw u kellhom jigu trangati. Ix-xhud prezenta sitt ritratti mmarkati bhala Dok. DB1 sa DB6 li

juru x-xoghol li x-xhud ghamel fil-lawns. Ix-xoghol involut kien jammonta ghal tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm82.50) pero' m'ghandux ricevuta. Iz-zebgha giet analizzata f'laboratorju li giet tiswa sitta u sebghin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm76.70). L-analisi kienet saret biex tigi ccekjata l-elasticita. Ir-rizultati gew esebiti bhala Dok. DB7 li kienu 35%. Huwa pprezenta kopja tal-kont bhala Dok. DB8. Dok. DB9 juri bl-isfar l-ispiza li x-xhud nefaq ghal dawn iz-zewg lawns li jammontaw ghal hames mija u sitta u sebghin Lira Maltin (Lm576).

Ix-xhud prezuma li l-istess materjal intuza wkoll fil-giebja. L-istruzzjonijiet tieghu kienu biex jaghmlu l-giebja *waterproof* bl-ahjar mod possibli. Huwa sostna li hallas tmien mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu ghal 85.56 metru kwadru kif inhu muri f'Dok D10. Iz-zebgha fil-giebja spiccat mimlija bziezaq u kellha tigi mibdula. Hu qal li ha jipprezenta kont rigward dan.

It-tielet talba hija ghal *waterproofing* tal-pool li sar darbtejn mill-konvenut. L-ewwel zebgha giet applikata wara li l-hgieg gie nstallat, imma meta l-pool imtela bl-ilma, l-ilma hareg minn mal-hgieg u mal-genb tal-pool. Il-pool gie mbattal, is-supplier tal-hgieg Jerome Licari biddel il-hgieg u l-frame u ssigillat madwar il-hgieg. Rigward l-ewwel darba li l-hgieg gie ssiljat, Jerome Licari kien ghamel kuntratt mal-konvenut biex jissilja l-hgieg. Wara li t-tieni hgieg gie nstallat, iz-zebgha giet bi strixxi dritti bojod u blu u meta x-xhud staqsa lill-konvenut, dan wiegeb li dawn kienu minhabba li l-pool kien thalla battal ghal perjodu twil ta' zmien. Dawn l-istrixxi jidhru f'Dok DB11 u DB12. Dawn ir-ritratti ttiehdu wara li l-hgieg regghu gew imwehhla u t-tieni zebgha giet applikata. Il-pool kien vojt ghal xahrejn. L-attur malli ra dawn l-istrixxi, qal lill-konvenut biex jerga' jizbogh il-pool minghajr ma kkonsulta l-perit tieghu dwar dan.

Ix-xhud stqarr illi huwa kkuntatja lil Jerome biex jinfurmah li l-pool kollu kellu jerga' jigi mizbugh ghax il-konvenut qal li l-istrixxi kienu kawza tal-pool li thalla vojt ghal zmien twil. Jerome dam xahrejn biex jibdel il-hgieg u sa dak iz-zmien, iz-zebgha fuq iz-zewg nahat tal-pool kienet iccarat. Meta l-

hgieg gie mqieghed ghat-tieni d-darba, il-pool rega’ mtela’ u ma llikjax. Wara dan huwa staqsa lill-konvenut biex jerga’ jizbogh il-pool kollu u huwa hekk ghamel. Meta l-pool kien qed jinzebgha ghat-tieni darba, huwa ltaqa’ mal-avukat tieghu u ma’ Jerome Licari u l-perit biex jissetiljaw l-accounts. Hawnhekk huma nformaw lil Jerome li l-pool kollu kellu jerga’ jinzebgha u mhux biss in-naha tat-tieqa. Jerome qalilhom illi huwa kellu ritratti tal-pool u kien urihom lil espert fejn qal li l-hsara ma kinitx kawza tal-pool li kien vojt imma ghax iz-zebgha kienet difettuza. Ix-xhud pprezenta Dok. DB13 li turi strixxa li giet immarkata bhala X fir-ritratt. Huwa ddikjara li t-talba ta’ l-ewwel zebgha kienet ta’ elf, tmien mija u disgha u tletin Lira Maltin (Lm1,839) li hi mmarkata bl-isfar f’Dok. DB14.

Wara li l-hgieg gie nstallat it-tieni d-darba, u wara li Mr. Camilleri nghata l-kuntratt biex jerga’ jizbogh, Mr Camilleri ssugerixxa biex din id-darba hu juza’ zebgha li diga giet mhallta go fabbrika l-Grecja milli jhallat il-kulur lokalment bhal ma gara l-ewwel darba. Ghal dan il-ghan huma stennew ghal xahrejn fejn il-pool thalla vojt.

Ix-xhud stqarr illi meta z-zebgha waslet, Mr Camilleri baghat impjegat tieghu biex jixkatla iz-zebgha u jipprepara l-pool biex jerga’ jinzebgha. Wara, Mr Camilleri mar biex jizbogh huwa stess. Meta l-bramel taz-zebgha nfethu, iz-zebgha kienet maghquda daqs il-konkrit u ma setghetx tintuza. Il-konvenut qallu biex ma jinkwetax ghax kien ha juza xi zebgha ohra mhallta bil-blu. Dan sar fl-istess jum. Wara dan l-attur qal illi halla l-pool vojt ghal hames jew sitt ijiem. Il-pool imlieh fis-Sajf ta’ 2003 u wara ftit gimghat iz-zebgha bdiet tinqala’ u tigi f’idejn u fil-malji tal-mistednin tieghu bhal ma hu muri f’Dok. DB15, DB16 u DB17.

Huwa sostna illi huwa tkellem mal-konvenut fejn dan qallu li z-zebgha kienet qed tinqala’ minhabba “back pressure”. Ix-xhud ma fehemx x’ried ifisser b’dan. Il-kont tat-tieni zebgha huwa ta’ disa’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin (Lm951) u dan ma thallasx. Ix-xhud ipprezenta dan il-kont bhala Dok. DB24.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Stephen Camilleri** li gie mmarkat bhala Dok SC3 fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, fejn iddikjara li huwa kien ircieva telefonata minn Mr. John Gusman rigward xoghol u kien staqsa ghal informazzjoni dwar *Marise polyurethane 250 coating*. Sussegwentament huwa kien ircieva telefonata ohra minn Mr Gusman biex jaghmlu *meeting* rigward ix-xoghol. F'dan il-meeting kienu marru hu, l-attur u Mr John Gusman. Huwa kien spjegalhom il-materjali tal-*waterproofing* li huma *Bitumen membrane* u *polyurethane coatings.*

Waqt il-meeting, huma tkellmu wkoll fuq il-kundizzjonijiet tal-garanzija. Il-garanzija tghid li l-membrane izomm kontra l-ilma ghal perjodu ta' ghaxar snin sakemm il-materjal u l-membrane ma jkollhomx hsara. Huwa mportanti li ma jkunx hemm moviment eccessiv fil-konkrit fuq kull tip ta' saqaf jew art, li ma jkunx hemm difetti rizultanti minn xoghol hazin u li l-hsara ma tkunx minhabba *act of god*. Il-kuntrattur mhuwiex responsabbli ghal pools ta' l-ilma ohrajn ffurmati mill-membrane. Il-*waterproofing* mhuwiex garantit ghal xoghol ta' torba, madum u konkrit jew *insulation* li tkun saret taht l-art sakemm ma jkunx avzat fil-klawzola. Waterproofing mhux responsabbli ghal bziezaq ta' l-arja jew separazzjoni, reazjoni kimika jew konkrit ta' kwalita' fqira.

Meta tqajjem il-punt tal-moviment, l-attur sostna illi dan huwa waterproofing. Il-konvenut kien iddikjara li dan il-moviment eccessiv fiz-zebgha kien minhabba l-moviment eccessiv u qsim fil-konkrit tant li z-zebgha tinqasam. Sussegwentement il-konvenut staqsa lill-attur jekk hux ha jkun hemm *expansion joints* fl-istruttura u l-attur kien wiegeb l-perit jaf x'inhu jaghmel.

Iddikjara li x-xoghol fil-kostruzzjoni kien ghadu mhux lest fuq il-post fejn kellu jahdem hu. Sussegwentement l-attur kien iddecieda x'materjal ha juza. Ix-xoghol kellu jibda fil-bir. Meta tlesta' x-xoghol fil-bir, ma kien hemm l-ebda *leakage* mill-bir. Wara xi tnax-il xahar, Mr Gusman ikkuntatja lill-konvenut rigward bziezaq fil-bir. Mr. Gusman, il-konvenut u l-attur kienu marru biex jispezzjonaw il-bir u l-konvenut ikkonferma li l-bziezaq

kienu jidhru sew fil-bir. Hawnhekk kien spjega lill-attur li l-bziezaq kienu minhabba *back pressure*. Dan sehh minhabba li l-ilma minn taht l-istruttura, il-hajt u ilma zejjed mill-pool bedda jfur f'din l-area u d-disinn ta' l-istruttura beda jikkawza *back pressure*. Mr Gusman ghamel test fuq il-post billi taqqab il-buzzieqa u ddikjara li l-buzzieqa kienet niexfa. Qal ukoll li ghamel test billi applika *polyurethane* fl-area mal-bir u rrizultaw aktar bziezaq. Dan kien minhabba *back pressure*. Il-konvenut iddikjara li ma kien hemm l-ebda *leak* fil-bir u l-bziezaq ma kienux minhabba *leaking waterproofing*. Huwa stqarr li ghandhom rapport ta' perit dwar dan.

Fl-affidavit il-konvenut sostna li l-ilma gej mill-*outer wall tal- line* u li kien imtela' mill-attur qabel l-ispezzjoni tal-post li saret minn periti u avukati. Huwa stqarr li l-hitan ta' barra ma kienux bil-membrane u kienu mxarrba. L-ilma kien gej ukoll minn *water gully* mill-pool u kien qed jaffettwa z-zebgha tal-bir.

Camilleri ddikjara li huwa kien iltaqa' mal-perit ta' l-attur fuq il-post u spezzjonaw il-*green areas* fejn kellu jsir il-*waterproofing*. Huwa sostna li l-perit kien approva z-zebgha. Il-konvenut kien qal illi huwa ma kienx kuntent bl-installazjoni tat-tieqa u kien urihom partijiet fit-tieqa fejn rahom li kienu difettuzi. Il-perit ta' l-attur qal li kien bizzejjed.

Sussegwentement kienu poggew bilqieghda u tkellmu fuq il-bini. Il-konvenut staqsa ghaliex ma kienx hemm *expansion joints* fil-bini. Il-perit wiegbu li l-bini kien mibni fuq pedament li kien *extra heavy* bhall-bini tal-Mellieha u li m'hemmx bzonn ta' *expansion joints* u ma kienx ha jkun hemm xquq fil-bini. Il-konvenut stqarr li hemm ritratti bl-ixquq fil-bini.

Il-konvenut stqarr li meta mar biex jizbogh il-pool, huwa nduna li t-tieqa tal-pool ma kinitx installata. L-attur kien spjega li Jerome Licari ma setghax jinstalla t-tieqa u ried li l-konvenut stess jinstalla' t-tieqa. Il-konvenut spjega li dan ma kienx xogholu li jinstalla t-tieqa. L-attur u Mr Gusman assigurawh illi Jerome Licari ha jkun responsabbli fuq l-

installazjoni tat-tieqa mhux hu. Il-frame tat-tieqa kien diga' f'postu u l-konvenut iccekja l-filling tal-konkrit madwar ix-xquq tat-tieqa. L-edging tal-frame tat-tieqa kien vojt u kellu xquq. Il-konvenut kien wera dawn il-punti lill-attur.

Sussegwentement, John Gusman qal lill-konvenut li Licari u l-bennej kienu ddiskutew il-hajt ta' fejn kellha tigi nstallata t-tieqa tal-pool u argumentaw li dan ma kienx stabbli. Fil-fatt wara rrizulta li l-hajt kellu jigi llivellat. L-attur talab lill-konvenut biex isewwi t-truf tat-tieqa. Il-konvenut stqarr illi l-qiegh tal-pool kien issewwa minhabba li kien hemm il-vojt fil-pool taht layer irqiq tal-konkrit. L-attur rahom dawn l-areas u talab biex jissewwew.

Fl-affidavit il-konvenut semma l-procedura tal-*waterproofing* tal-pool. Huwa qal lill-attur biex hadd ma jimxi fuq il-pool ghal jumejn u biex ma jimteliex bl-ilma qabel ghaxart ijiem. Jerome Licari kien dahal fil-pool qabel mal-passata kienet lesta, ghalhekk kellha tissewwa l-hsara li saret. Il-konvenut ikkonferma li l-pool imlewh bl-ilma u l-ilma hareg mill-*edging* tat-tieqa. Il-pool kien dam ma mtela ghax it-tieqa kellha tinbidel. Huwa tenna li l-pool kien vojt ghal perjodu ta' xi xahar fis-sajf.

L-attur kien kellmu rigward l-istrixxi gol-pool ta' fejn kien qed jiccara l-*waterproofing* u l-konvenut kien qallu li dan gara ghax il-pool ma nteliex bl-ilma u ghalhekk thalla espost ghal shana eccessiva. Meta l-konvenut kien mar fid-dar tal-attur f'Ghawdex, huwa ra li kien hemm alterazzjonijiet fil-pool li jinkludu l-hajt kollu fin-naha tat-tieqa, il-frame tat-tieqa inbidlet, l-edging ta' taht il-coving tal-pool kien imtela' bis-siment, l-edging tal-overflow kien tranga minhabba li x-xoghol fil-konkrit ma kienx livellat u l-frame tat-tieqa tal-pool kienu gew *power sanded* fuq il-frame galvanizzat minn haddiema ta' Jerome Licari u minhabba f'hekk il-frame imtela' kollu bis-sadid.

L-attur kien staqsa lill-konvenut x'seta' jaghmel ghall-kulur u l-passata u.v. u t-tiswijiet. Il-konvenut kien wiegbu li l-pool kellu jerga' jigi *sanded* minhabba li x-xoghol fil-konkrit ma kienx mghotti biex jipprotegi l-passata tal-pool. Qallu wkoll li fejn kien sar ix-xoghol fil-pool kellu jerga' jinzebgha

b'*waterproofing 250*. L-attur staqsieh jekk kienux ha jkollhom l-istess kulur u wiegeb fin-negattiv ghax kien hemm hafna alterazzjonijiet fil-pool u kellhom jergghu jizbghu l-pool b'*uv coat* ikkulurit wara li l-*waterproofing* kien lest.

Jerome Licari kien ta' struzzjonijiet lill-konvenut biex jiltaqa' ma' min kien ser jizbogh it-tieqa qabel ma hu beda jizbogh. Dan it-*technician* qal lill-konvenut li hu kien ha jaghmel *epoxy coating* minhabba s-*sanding* tal-frame tat-tieqa. Il-konvenut staqsieh jekk kienx tajjeb ghal kontra s-sadid, qallu li iva.

Il-konvenut stqarr li John Gusman kien iddikjara li ma kienx hemm alterazzjonijiet fil-pool. Flimkien mal-affidavit hemm ritratti li juru l-alterazzjonijiet li fil-fatt saru. It-tieni passata saret wara jumejn li t-tieqa kienet mizbugha. Jerome Licari kien ghamel ir-*re-sanding* u l-waterproofing sar fuq l-areas li kien hemm bzonn. Huwa qal illi meta nfethu l-bottijiet tal-uv il-*polyurethane* ma setax jintuza. Ghalhekk huwa cempel lil Arthur Farrugia li hu l-agent tal-*marise polymer* u nfurmah fuq din il-haga. L-agent issuggerixxa biex jigbor lura z-zewg patallotti u jiehu zewg patallotti ohra minn Malta u hu sostna li ghamel hekk. Huwa zebagh u halliha tinxef. Jumejn wara huwa ghamel il-*blue stripe*. Huwa stqarr li ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni li z-zebgha kienet *uncured* u cioe' li mxew fuq iz-zebgha ghal gurnata shiha minghajr ma kien hemm effett ta' *leeching*.

Sussegwentament gie rraportat li z-zebgha tal-pool kienet *leeching* u ghalhekk mar jispezzjona l-pool ma' agent Grieg tal-*marise polymer*. Dan l-agent iddikjara li l-pool kellu reazzjoni. Il-konvenut ikkuntatja laboratorju hawn Malta u ghandu rapport li hu mmarkat bhala Sample 17. Huwa kien induna li z-zebgha tal-*epoxy* taht il-*waterproofing* ma kienx hadem. B'hekk rega' hemm sinjali ta' sadid mal-frame tat-tieqa u kellu jerga' jinzebgha.

Il-perit tal-konvenut u hu kienu marru ghand l-attur minhabba alterazzjonijiet li saru. Il-konvenut induna li l-pool kien rega' nzebgha u ghalhekk staqsa lill-attur kemm

dam biex nehha l-*waterproofing*. L-attur qal li nehhieh billi harquh tnejn minn nies li damu gimgha biex jaharquh u jnehhu z-zebgha.

Il-konvenut qal illi l-*green area* kienet bil-*polyurethane 250* u uza 1 kg per sq. Mtr. F'din l-areas kien dahal l-ilma minhabba moviment fl-istruttura. L-ixquq dehru fi tliet areas differenti. Fuq wara tal-bini dahal l-ilma wkoll ma tawhx evidenza lill-konvenut li l-membrane ma kienx qed jahdem. Meta kien qed jahsel il-*green area*, huwa nduna li l-ilma kien qed jghaddi minn direzzjoni opposta tal-*outlet* ta' l-ilma. Wara x-xoghol tieghu, l-alterazzjonijiet kienu saru billi taqbu t-toqob fil-membrane ghal *electrical conduits*. Huwa kien innotifika lill-attur illi dan kien qed jaffetwa xoghlu. L-attur kien wiegbu biex ma joqghodx jinkwieta u kienu ha jaraw wara.

It-terazzin ta' fuq kien gie *waterproofed* bil-*polyurethane coating*. L-ixquq fit-terrazin kienu ovvji u ma kien hemm l-ebda *expansion joint*. L-ixquq kienu gew *primed* u giet applikata passata zebgha ohra tat-250. Il-bazi tat-terrazin t'isfel gie mqieghed bil-*bitumen membrane* u wara kienu taqbuh biex jghaddu d-dawl. Il-konvenut wissa' lill-attur fuq alterazzjonijiet ta' membrane imma kemm l-attur u Mr Gusman dahqu u qalulu li din l-area ma tarax ilma.

Il-mara tal-konvenut kienet irceviet telefonata minn John Gusman ghal habta ta' l-ghaxra ta' Jannar ta' l-elfejn u erbgha fejn kien staqsa ghall-konvenut. Il-mara tieghu kienet wiegbet li kien l-Awstralja u li kien gej lura fl-ahhar tax-xahar. Hija kienet staqsietu jekk setghetx taghmel xi haga imma Mr Gusman qalilha le. Sussegwentament iltaqa' mal-attur fuq il-bilanc tax-xoghol. Meta hallas, l-attur qallu fuq *leak* u tnaqqset sittin lira Maltin ghal xoghol maghmul minn John Gusman. Il-konvenut wiegbu li huwa ma messux beda jaltera l-membrane ghax hu kien jibghat impjegat biex jinvestiga fuq il-post.

Il-konvenut spezzjona l-post ma' Mr Gusman u qal li l-ixquq kienu evidenti mal-bini. Mr Gusman qallu li l-bini kellu problemi. Il-konvenut wiegbu li kien qed jistenna li l-

waterproofing jixxaqqaq minhabba l-ixquq kbar li hemm fil-bini. Mr Gusman qabel mieghu li t-tort kien ta’ l-istruttura.

Il-perit tal-konvenut spezzjona l-post u ghamilha cara li se tkun problema fit-tul rigward il-moviment strutturali fil-bini ghax ma ttiehdet l-ebda azzjoni dwar l-*expansion joints*. Il-bini qieghed taht l-art u hemm il-hamrija mal-madwar. Il-hitan ta’ barra m’ghandhomx *waterproofing* u b’hekk se jidhol l-ilma fil-bini.

Sussegwentament il-konvenut rega’ baghat il-kundizzjonijiet u l-garanzija lill-attur, lill-avukat tieghu u lill-perit. Baghat ukoll bil-fax l-invoice li l-attur kien ghad baqalu jhallas. Il-konvenut sostna li huma cahdu li kienu rcevew dawn il-kundizzjonijiet.

Wara l-laqgha li kienet saret mal-avukat u l-periti, l-attur, John Gusman, France u hu marru fuq il-post minhabba *leak* ohra fuq in-naha l-ohra tal-pool li turi movument strutturali. France ma riedx li jmur jaghmel l-ispezzjoni ghax ma riedx li jhammeg it-terazzin bil-hamrija. Il-konvenut talab ghal spezzjoni ohra u ghamilha cara li ma kellhomx isiru spezzjonijiet jew alterazzjonijiet minghajr il-presenza tieghu fuq il-post. Huwa gie njorat u l-attur beda bl-alterazzjonijiet fuq il-*membrane*. Il-konvenut iddikjara li l-attur talbu flus ghal tiswijiet li saru fil-*green area*. Ma kien hemm l-ebda *leak* u l-attur talab ghal refund fuq dan allavolja l-konvenut kien hallas ghat-tiswijiet.

Il-konvenut sostna li x-xoghol gie mbaghbas. Hu qal li saru xi tiswijiet fuq l-ixquq ta’ mal-hajt u mtela’ bis-siment it-*tar line* fejn dahal l-ilma li affettwa l-*back pressure* tal-bir.

Rat ix-xhieda tal-**konvenut Stephen Camilleri** tat-18 ta’ Marzu 2009 fejn in kontro-ezami kkonferma li hu baghat zewg kopji tal-garanzija lill-attur bil-fax, wahda minnhom kellha inkluz invoice li hu hallas u ohra kienet risposta lil Dr. Michael Grech. Huwa sostna li l-Perit Godwin Abela kien infurmah illi l-istruttura tal-area kollha inkluza l-*pool* u l-gnien ma kinitx ser tinqasam u ma kienx hemm bzonn ta’ *expansion joints* ghax ma kienx ha jkun hemm moviment. Infatti ma hemmx *expansion joints*.

Mistoqsi jelabora fuq il-punt numru sebgha tal-klawsoli tal-garanzija qal illi huma mhumiex responsabbli ghal hsara jew alterazzjoni maghmula minn xoghol iehor wara t-tlestija ta' xogholhom. Gie mistoqsi wkoll biex jelabora fuq il-punt numru tmienja tal-garanzija u qal illi huma mhumiex responsabbli jekk hemm *back pressure* mal-konkrit. Huma mhumiex responsabbli jekk ikun hemm xi *leak* minn barra l-bini jigifieri jekk ikun tort ta' terzi persuni. Huma ma jistghux jiccekjaw qabel ma japplikaw il-materjal ghax ma jistghux jikkontrollow xi problemi tal-ilma. Qal illi din hija responsabbilta' tal-perit. Kemm il-perit u John Gusman kienu nfurmawh li x-xoghol kien lest u li hu seta' japplika l-materjal.

Il-konvenut gie mistoqsi jekk kellhomx jiccekjaw qabel jekk il-materjal kienx jista' jikkawza xi *chemical reaction* ma' dak li kienu japplikawh qal illi jekk huma jaraw xi difett fil-wicc, huma ma kienux jaghmluh. F'dan il-kaz, huma raw difett fil-pool fil-fatt li l-konkrit kellu *void areas.* Il-konvenut kien qal lill-attur b'dan, huma fethu dawn l-areas u l-attur infurmah li l-bennej ha jirranghom. Meta dawn gew trangati, huwa pogga l-materjal.

Rat ix-xhieda **tal-konvenut** tal-25 ta' Mejju 2009 fejn in kontro-ezami gie mistoqsi jekk hu jiccekjax il-materjal baziku qabel ma japplika l-waterproofing u wiegeb li wara tletin gurnata li jkun tqieghed il-konkrit, jigi ttestjat b'tahlita ta' *polyurethane* u *zylene*. Il-konvenut qal illi f'dan il-kaz hekk kien sar. Il-konvenut stqarr illi kien offra zewg materjali li kienu *bituminous membrane* u *polyurethane coating* u l-attur kien ghazel it-tieni materjal li kien l-iktar gholi fil-prezz.

Huwa kkonferma li kien jaf li l-*pool* huwa *freestanding* b'hajt doppju mad-dawra kollha tieghu. Pero' jekk jghaddi l-ilma minn gol-brick, dan xorta jista' jikkawza *back pressure*. Huwa sostna li x-xoghol madwar it-tieqa tal-*pool* kien il-kawza li ghadda l-ilma mill-istruttura. Barra minn hekk, il-hajt baxx ta' wara l-giebja kien inbidel wara li x-xhud ghamel il-membrane fil-giebja. Zied jghid li kien hemm fetha ghall-arja fuq *lockable aperture* li wasslet li l-

giebja tiblokka u l-apertura giet iffurmata wara. L-ilma beda jillikja wkoll minn gol-gebel ghal gol-hajt estern li hu *damp-proof course level* u dan l-ilma beda jghaddi wkoll mill-kuritur ghall-giebja. Sussegwentement il-*damp-proof course level* gie mghotti bil-konkrit.

Il-konvenut sostna wkoll li l-membrane jzomm l-ilma milli jghaddi miz-zewg nahat tieghu. Jekk kien hemm xi problema bil-membrane, suppost kellu jkun hemm l-ilma fil-buzzieqa la darba tinfaqa' imma f'dan il-kaz il-bziezaq kienu xotti.

Huwa qal li hu kien semma t-tieqa ghax kienet inbidlet tliet darbiet u kellha l-problemi kemm minhabba l-materjal li ntuza u kemm minhabba kif giet issigillata minn Licari. Mistoqsi jekk jafx li l-attur ma kienx qed jitlob refund ghall-ewwel passata zebgha qal li le qed jinduna issa.

B'referenza ghall-ahhar paragrafu tar-raba' pagna ta' l-affidavit tieghu, huwa tenna li kien qed jaghmel referenza ghal xogholijiet maghmula minn haddiema ohra ta' l-attur wara li l-konvenut kien lesta x-xoghol. Il-pool rega' gie mizbugh wara dawn ix-xogholijiet. Huwa kien diga' ghamel il-*primer*, 250 *waterproofing* abjad u *blue top-coat furnishing* qabel ma saru l-alterazzjonijiet. Sussegwentement wara li kienu saru l-alterazzjonijiet, huwa rega' applika it-250 fejn kienu fethu.

Il-konvenut stqarr illi meta fetah il-bramel, il-materjal kien iebes, u hu cempel lill-agent Arthur Farrugia biex jibdilhom. Huwa kkonferma li l-materjal imbidel u huma zebghu. Il-materjal li nbidel kien l-istess bhal dak ordnat. L-unika haga kienet illi huma gabu zebgha bajda u halltuha mal-istess kulur li kellu jintuza.

Rat illi l-**konvenut** xehed ukoll fil-21 ta' Ottubru 2010 fejn qal illi kien hemm zewg ghazliet rigward iz-zebgha tal-*finishing coat* li giet mibdula. Wahda minnhom kienet illi huwa kien semma f'pagna hamsa ta' l-affidavit tieghu, jew li l-Marise Polymer, li hi Griega, tithallat il-kulur maz-zebgha bajda li hu pprovda, jew illi l-agent jaghti lill-konvenut il-*pigment colour* u jhallatha maz-zebgha l-

konvenut stess. L-attur kien ghazel it-tieni ghazla ghax huwa ried li x-xoghol jitlesta wara certu *delays* minhabba l-alterazzjonijiet tal-pool maghmula minn kuntratturi ohrajn.

Il-konvenut kompla jghid illi wara li l-attur irrapporta l-*leeching,* huwa gab lil Griegi sabiex jaraw u dawn qalu l-istatements li l-konvenut kien semma fil-hames pagna tal-affidavit tieghu. Rigward l-ahhar paragrafu ta’ l-affidavit tieghu fejn kien qal li l-evidenza tieghu giet imbaghbsa huwa ried ifisser li l-problemi fuq il-post kienu gew modifikati qabel l-ispezzjoni tal-post. Per ezempju s-saqaf tal-lawn area gie mgholli sa tmien pulzieri peress li l-hajt originali kien jaqa’ fid-direzzjoni l-hazina.

Rat illi fis-6 ta’ Frar 2007 il-konvenut ipprezenta u kkonferma dikjarazzjoni flimkien ma’ sett ta’ ritratti li gew mmarkati bhala Dok. SC3.

Rat illi l-**Perit Godwin Abela** xehed fl-14 ta’ Gunju 2005 quddiem il-Perit Tekniku fejn gie muri r-rapport Dok. A a fol. 2 tal-process u kkonferma l-kontenut tieghu. Huwa gharaf il-firma tieghu f’dan ir-rapport. Huwa kien gie nkarigat mill-attur dwar xogholijiet li fost affarijiet ohra jinkludu l-kostruzzjoni ta’ pool u giebja go fond il-Qala, Ghawdex. Il-kostruzzjoni tal-pool kienet tirrikjedi skavar fi blat frijabbli, kostruzzjoni ta’ platform li tistrieh fuq serje ta’ ground beams b’konkos rinfurzat. Il-pool u l-giebja nbnew fuq din il-platform.

Il-Perit stqarr illi meta saret il-kostruzzjoni tal-pool, mill-ewwel sar il-kisi taghha u tal-giebja. Il-kisi sar sabiex il-Perit ikun jista’ jivverifika ikunx hemm caqliq jew movimenti fis-sottoswol u biex jittestja l-*water retention properties* taghhom. Bill-kisi biss la l-pool u lanqas il-giebja qatt ma llikjaw ilma. F’dak l-istadju l-uzu ta’ xi forma ta’ *waterproofing* sofistikata kienet superfluwa. L-attur xtaq li jaghmel dak li kien l-ahjar u fil-fatt il-Perit irrikmandalu li jkellem lill-konvenut.

Il-Perit kien iltaqa’ mal-konvenut l-ufficcju tieghu u l-konvenut urieh kampjuni u ddeskrivulu l-*performance* tal-

materjal li kellu. Il-Perit gie mpressjonat favorevolment u ssuggerielu biex ikellem lill-attur. Huwa jaf li sar ftehim u eventwalment il-materjal gie applikat sia fil-pool u anke fil-giebja. Il-Perit ra parti mill-preparazzjoni li saret ghax-xoghol, u cioe' tindif, tfarfir u xoghol ta' *levelling*. L-opinjoni tal-perit hija li l-problema kienet ta' materjal difettuz.

Huwa tenna illi saru diversi laqghat bejn il-partijiet illi f'wahda minnhom gie deciz li jintbaghtu kampjuni ta' dan il-materjal fil-laboratorju nazzjonali biex isiru xi testijiet. Hekk sar u gew prezentati r-rizultati. Ix-xoghol ta' zebgha sar darbtejn u jaf li l-materjal meta wasal fis-sit kien blokka konkos u ghalhekk ma ntuzax.

Il-Perit jeskludi li z-zebgha nqalghet bil-back pressure billi f'dan il-kaz specifiku, il-qiegh tal-pool li jigi s-saqaf tal-giebja huwa *sloping* u ghalhekk hemm *uneven pressure* tal-ilma fuq il-wicc sia minn taht u minn fuq.

Qatt ma kien hemm leaks mill-kisi tal-pool. Dan ma jfissirx li caqlieq ma jkunx hemm pero' f'dan il-kaz m'affetwatx l-istruttura tal-pool billi l-pool qatt ma llikja. Il-Perit jaf li kien hemm ukoll problemi ta' *water percolation* taht it-turf. Huwa mar *on site*, ra t-tbajja fis-saqaf u qal li l-istruttura ta' madwar il-pool hija ndipendenti mill-istruttura tal-pool u ghandha biss span ta' bejn 2.5m ghal 3m. Il-pool huwa mibni b'zewg qoxriet bil-qoxra ta' gewwa tissapportja l-qiegh tal-pool u l-qoxra ta' barra tissaportja s-surrounding area.

Rat ix-xhieda ta' **John Gusman** tat-22 ta' Settembru 2005 moghtija quddiem il-Perit Tekniku fejn iddikjara illi huwa jahdem ma' l-attur u l-attur kien qabbdu jiehu hsieb ix-xogholijiet li kien qed jaghmel fid-dar tieghu l-Qala. Huwa kien qed jara x'l-ahjar li jsir ghall-progett kollu u kif ukoll supervizjoni.

Ix-xhud tenna li wara li nbniet il-pool, bdew jaraw x'ser jaghmlu *waterproofing* u l-ahjar li sabu, bil-parir tal-perit, kien *liquid membrane* sabiex ma jkunx hemm gonot. Huma (huwa, il-perit u l-attur) tkellmu mal-konvenut, u l-konvenut qalilhom li l-materjal tajjeb ghall-pools u li

ghandu ghaxar snin garanzija. Meta l-konvenut kien mar jara l-pool qabel beda x-xogholijiet, kien indikalu l-kantunieri fejn ried jitranga qabel l-applikazzjoni tal-waterproofing u dawn gew irrangati minnu stess permezz ta' zgocc bir-ramel u siment sabiex ir-rokna ma tkunx *sharp corner.* Wara l-konvenut applika x-xoghol li ghall-bidu kien jidher gej sew. Wara zebagh il-bir bis-saqaf ukoll u kif ukoll il-gnub tal-pool.

Ix-xhud qal illi l-konvenut kien ha sample u beda jigbidha esagerat u kien ghalhekk li ddecidew li juzawh. Wara hallew il-pool ghal zmien sabiex jinxef kif qalilhom il-konvenut u mlewh. Wara li mlewh kellhom il-problema tal-hgiega li kellha tinbidel.

Il-konvenut kien ukoll applika *UV protection* trasparenti li wara ftit granet bdew johorgu s-sinjali dritti mal-hajt. Il-*UV protection* nghatat ftit granet wara li nghatat l-applikazzjoni taz-zebgha. Is-sinjali dehru meta battlu l-*pool* minhabba l-hgiega li semma. Wara li nbidlet il-hgiega, il-pool inzebghat kollha sabiex taqbel u kif ukoll sabiex jitghattew is-sinjali. Din regghet inzebghat bil-membrane.

Huwa stqarr illi damu jistennew xi sitt gimghat ghat-tieni passata ghax iz-zebgha damet ma waslet minn barra. Il-konvenut kien qal li din iz-zebgha jgibha lesta mhallta minn barra. L-ghada li waslet din iz-zebgha qalulu li ma tistax tintuza ghax ibbieset. Il-konvenut beda juza z-zebgha minn taghhom u jhalltilha l-kulur. Il-konvenut accerthom li din kienet l-istess bhall-originali.

Meta x-xhud mar fuq il-post, huwa ra lill-konvenut ihallat il-kulur fiz-zebgha li kienet f'patallotti simili ghal dawk originali pero' kellhom numru ta' fuqhom differenti. Meta mar l-konvenut biex jaghti t-tieni passata, qalilhom li seta' jaghmel ix-xoghol u fil-fatt tah.

Wara li ta t-tieni passata hallew iz-zmien kif qalilhom il-konvenut biex tinxef u mlewh. Wara ftit gimghat iz-zebgha bdiet parti minnha tintefah u parti tigi mieghek, qisa ma nixfitx. Huma kellmu lill-konvenut, mar u ra z-zebgha

tinqala'. Il-konvenut beda jghid li mhux miz-zebgha izda beda jsemmi *back pressure*.

Ix-xhud sostna li dwar il-partijiet ta' hdejn il-*lawn,* il-membrane inqasam u beda diehel l-ilma isfel. Huwa qata' bicca minn din il-membrane u ta lill-attur li mar jittestjaha u sab li ghandha xi tletin fil-mija (30%) *elasticity* skond ir-rapport. Il-qsim li kien hemm fethu x-xhud u ghamel *liquid membrane* iehor fuq l-*expansion form* u s'issa ghadu m'ghamilx ilma minn fejn huwa sewwa. Il-*liquid membrane* li uza' kienet ENB ta' kumpanija ohra. Dawn ix-xogholijiet rimedjali saru fi tlett bnadi. Huwa qal ukoll li meta mlew il-pool l-ewwel darba l-ilma ma zammx billi beda hiereg f'daqqa mill-hgiega. Il-*waterproofing* kien inghata fuq il-frame u fuq il-hgiega bhala prekawzjoni. Il-konvenut accerthom li l-ilma ma johrogx.

Dwar ir-resevoir huwa qal li dan huwa ndipendenti mill-pool u f'dan il-bir kien sar zebgha mill-konvenut kemm mal-hitan, mas-saqaf u ma' l-art. Dan kien imtela' wara z-zmien issuggerit mill-konvenut. Billi kienu hargu d-difetti fuq, iddecidew li jaraw hemmx l-istess problema taht kif fil-fatt instab li kellhom fir-resevoir. Huwa dahal fir-resevoir u ra l-imfafat pero' z-zebgha ma gietx ma' siequ. S'issa ghadhom ma sarux xogholijiet rimedjali fir-resevoir imma gabu kwotazzjoni.

Rat ix-xhieda ta' **John Gusman** tas-6 ta' Novembru 2006 fejn in kontro-ezami kkonferma li x-xoghol fuq kostruzzjoni kien ghadu ghaddej meta bdew jahsbu ghal *waterproofing*. Huwa kkonferma wkoll li kienu avvicinaw lill-konvenut ghax-xoghol ta' *waterproofing* in generali. Mistoqsi jekk is-suggeriment ta' x'materjal intuza kien tal-perit ta' l-attur qal li iva, dwar it-tip ta' materjal li jkun *seamless* u minghajr *overlapping*, dan kien suggeriment tal-perit ta' l-attur. Il-perit approva t-tip ta' materjal li kien ha juza l-konvenut skond is-*samples* li kien taghhom il-konvenut. Huwa sostna li ddecidew li juzaw dak il-materjal ghax raw l-*ispecifications* u mhux ghax kien iggebbed is-*sample*. Ix-xhud stqarr illi l-hgiega li kellha tinbidel inbidlet mis-*supplier* Licari.

Mistoqsi kemm ghadda zmien minn meta tbattal il-pool sakemm rega' mtela wara li nbidlet il-hgiega, qal illi z-zmien kien bejn xi gimghat jew xhur. Mistoqsi wkoll jekk fil-frattemp li nbidlet il-hgiega sarux alterazzjonijiet strutturali fid-dawra tal-pool wiegeb li ma jidhirlux li saru. Ix-xoghol kien sar fuq  is-support tal-frame tal-hgiega. Ix-xhud ma jidhirlux li saru xoghlijiet fl-*overflow*, fil-kisi tal-pool u pulzier *cement filling* mad-dawra tal-pool taht id-dawl. Huwa tenna li r-*realignment* ta' l-*overflow* sar qabel saret il-hgiega l-ewwel darba. Qal ukoll li z-zebgha rega' ghamilha l-konvenut u minghalih li kellu jobrox kullimkien. L-attur kien qal lill-konvenut li jrid jerga' jinzebagh pero' m'oggezzjonax ghall-fatt li z-zebgha kellha numru differenti billi l-konvenut assigurah li huwa xorta.

Ix-xhud qal ukoll illi kien hemm partijiet sostanzjali tal-waterproofing li nfethu u t-tieni passata kulur beda jmur mal-hwejjeg. Huwa stqarr illi beda jifhem lill-konvenut meta beda jsemmilu l-*back pressure* pero' ma setax jara minn fejn kienet setghat tigi din il-*back pressure*. Qabel ma ghamel ix-xoghol rimedjali hdejn il-*lawn,* ix-xhud ma jiftakarx li qal lill-konvenut li ser jaghmel dan ix-xoghol. Mistoqsi jekk jafx li l-attur kien naqqas l-ispiza tax-xogholijiet fuq il-*lawn* mill-kont tal-konvenut qal illi ma jafx.

John Gusman ikkonferma li l-*plastering* ta' madwar il-hgiega kien ghamilha s-*supplier* tal-hgiega stess. Hu kien prezenti meta saret il-hgiega t-tieni darba u x-xoghol kien sar kollu minn Licari. Huwa kien prezenti mal-konvenut meta gew mifqugha l-bziezaq tar-*resevoir* u sostna li dawn kienu mimlija bl-ilma.

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-bini sofra minn *settlement cracks* tal-mistrieh ta' bini gdid. Huwa kien iddecieda li jtella' hajt biex jevita li jkun hemm konsenturi ohra. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-bini ta' wara kienx qed jistrieh qal illi huwa ma jifhimx imma meta mar il-perit qalilhom li kien mistrieh ta' bini gdid.

In ri-ezami sostna li z-zebgha waslet maghquda u iebsa u ma setghetx tintuza u l-konvenut qal lill-attur li kellu zebgha minn tieghu u ha minnha, hallatha u uzaha. Huwa

jiftakar illi f'partijiet tal-*pool* u tar-*resevoir* kien inqala' l-*waterproofing* u l-kulur, tant li kien hemm il-bziezaq. Ix-xhud stqarr li mhux dejjem kien prezenti meta sar ix-xoghol rimedjali u ghalhekk ma jeskludix li seta' qal lill-konvenut.

Rat ix-xhieda ta' **Jerome Licari** fis-7 ta' Dicembru 2005 fejn iddikjara li David Borg staqsieh ghal kwotazzjoni ghal zewg hgigiet ghal pool fir-residenza tieghu il-Qala, Ghawdex. Huma ffirmaw kuntratt ta' bejgh u Borg hallas deposit.

Rigward il-fetha tal-*glass pane* tal-pool ma kinitx rettangolari u kellha tkun trangata wara l-installazjoni tal-*angle frame* mal-hgieg tal-hajt tal-pool. Huwa sostna li kien hemm *gaps* mal-perimetru li, skond il-kuntratt tal-bejgh kienet responsabilta' tal-klijent. Huma nstallaw il-hgieg u l-frame meta l-pool kien vojt  u ma kienx komplut fis-sens li kien *rendered* imma mhux mizbugh.

Wara li l-hgieg gie mwahhal, huwa tkellem mal-konvenut *on site* fil-presenza tal-attur biex jimtlew il-*gaps* u jissigillaw il-perimetru tal-*glass pane* bil-*liquid membrane.* L-ewwel il-*gap* kellu jimtela' u jigi mizbugh flimkien mal-perimetru tal-*glass pane* u l-frame. Huma m'humiex responsabbli ghal *gaps* ta' aktar minn 5mm skond il-kuntratt ta' bejgh ghalkemm dan huwa kkunsidrat bhala *mal-alignment* fl-istruttura tal-bini. Il-*coating* sar u meta l-pool imtela' bi prova, it-tieqa llikjat l-ilma u kien hemm *leakages* ukoll f'partijiet ohrajn tal-pool. Wara dan il-pool gie zvojtat, beda x-xoghol, u bdew jidhru l-istrixxi fiz-zebgha. Ix-xoghol li sar mill-konvenut kellu jerga' jsir.

Il-faccata tal-pool fejn kellu jitqieghed il-hgieg, kellu jerga' jsir ghax ma kienx livellat u l-konvenut rega' ghamel il-*membrane* ghall-hajt kollu.

Sa dak iz-zmien kien hemm sinjali ta' diskulur u l-istrixxi fil-pool skond ir-ritratt esebit bhala Dok. AL2. Il-kulur rah diskulurit fiz-zmien meta kienu qed jistennew il-hgieg u l-installazjoni ta' frame galvanizzat. Il-konvenut rega' ghamel il-*membrane* u wara li lesta z-zebgha fil-pool, ix-

xhud rega’ mar fis-sit u ra li kien ghad baqa’ xi difetti fil-kulur taz-zebgha u l-peeling.

Mr Borg qallu li Mr Camilleri allega li d-difetti tal-*liquid membrane* gew kkawzati minhabba li x-xhud dam biex installa l-hgieg u l-pool kien vojt. Ix-xhud cahad l-istanti u appunta *industrial coatings engineer* biex jispezzjona z-zebgha fuq il-post. Huwa qal lill-engineer x’kien gara u hadu fis-sit. Huwa esebixxa r-rapport tal-inginier bhala Dok. JL1.

Huwa ddikjara li halla kollox tajjeb wara t-tieni darba ghax il-hgieg ma kienx qed jillikja. Wara dan huwa kien mar ghand l-attur, mar id-dar tieghu u gie nfurmat li kellu jerga’ jinzebah. Huwa kkonferma li d-difetti ghadhom hemm.

Rat ix-xhieda ta’ **Jerome Licari** tas-16 ta’ Novembru 2006 fejn iddikjara li meta huma nstallaw il-frame ta’ l-isteel l-ewwel darba, dan il-frame gie nstallat b’viti *stainless-steel* b’*rowl plugs* madwar il-perimetru kollu. Il-hgiega giet mqieghda mal-hajt u l-frame ta’ l-isteel gie mqieghed man-naha ta’ l-ilma biex izomm il-hgiega posta bil-viti. Huwa zied jghid illi huma m’ghamlux *plastering* mal-perimetru wara li nstallaw il-hgiega u qabel ma sar il-*liquid membrane*, ghax huma m’humiex responsabbli ghal *gaps* ikbar minn 5mm. Rigward il-*gaps* li kienu anqas minn 5mm ma gewx sigillati ghax kienu jafu minn qabel li l-*gaps* kienu responsabbilta’ tal-klijent. Huma kienu jafu minn qabel li l-attur kien ha jqabbad lil xi nies ohrajn biex jaghmlu bil-*waterproof membrane* l-pool u l-hgiega mal-perimetru.

Ix-xhud qal illi l-attur staqsieh biex igib espert taz-zebgha u ghalhekk ix-xhud ha lil Daniel Farrugia fis-sit. Huwa ddikjara li hadd ma hallas lill-espert peress li hu l-istess persuna li ggalvanizza l-isteel frames li kienu fis-sit.

In ri-ezami, Licari qal illi bejn iz-zewg installazjonijiet, il-konvenut kien infurmat bil-problema tal-membrane u sussegwentement il-konvenut ha zebgha li kienet solida. Ix-xhud kien qed jistenna l-hgiega imma ried ikun cert li qabel ma jinstalla l-hgiega, il-pool seta’ jerga’ jinzebagh.

Meta mar fuq is-sit sab illi l-pool kien vojt, kien hemm strixxi tal-kulur hazin u kien hemm *blisters*. Huwa ma kienx jaf li l-konvenut kien involut fil-process.

Rat ix-xhieda tal-attur **David Borg** tas-16 ta' Frar 2006 fejn in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku qal illi huwa kellu impressjoni li ma ntuzax *paint-on material* kemm fil-*patio* u kemm fit-terazzin. Huwa ddikjara li dawn iz-zewg areas ma tawhx problemi u mhumiex inkluzi fit-talba li ghamel. Huwa kkonferma illi kien ra miktub fil-vann li kien hemm 600% *elasticity* u ghaxar snin garanzija u seta' jgib xhieda dwar dan. L-attur tenna illi dan hu bini gdid li ghadu kemm inbena u Mr Camilleri kien qed jahdem mal-bennejja.

L-attur qal illi huwa halla f'idejn il-perit biex jiehu prekawzjonijiet rigward il-pedamenti. Il-perit ma qallux x'prekawzjonijiet ha izda halla struzzjonijiet lill-bennejja ghal x'kellu jsir. Mistoqsi dwar il-leakages jekk sehhux minhabba movimenti fl-istruttura jew ghal xi raguni ohra, qal illi huwa ma jafx ghax dan kien f'idejn il-perit. Pero' huwa sostna illi l-materjal suppost kellu jkollu *elasticity* bizzejjed ghal dan il-moviment. L-attur iddikjara illi l-perit kien irrakkomandalu lill-konvenut. Huwa kkonferma li kienu saru meetings *on site* imma ma jiftakarx precizament id-dettalji ta' dawn il-meetings. L-attur ikkonferma li kien gie muri kampjun ta' gomma u ma jiftakarx li rcieva xi kundizzjonijiet u hu kien staqsa lill-konvenut ghal kopja tal-garanzija ghal diversi drabi, ghalkemm il-konvenut qal illi baghthom erba' darbiet.

Rat ix-xhieda tal-attur tal-5 ta' Gunju 2006 fejn quddiem l-istess Perit Tekniku in kontro-ezami, qal illi ma jiftakarx jekk kienx hemm xi tibdil fl-istruttura waqt li kien qed jahdem il-konvenut. L-istruttura kienet kompluta xi ftit granet jew gimghat qabel ma l-konvenut beda jahdem u kien ghad hemm ukoll il-bennejja. Huwa ma jiftakarx x'kienu qed jaghmlu l-bennejja imma l-*project manager* ikun jaf. Huwa jahseb illi l-bennejja probabbilment kienu qed inaddfu, pero' ma jeskludix li kienu qed jaghmlu xoghol strutturali.

L-attur sostna li l-konvenut ma tahx pariri dwar l-effetti li l-istruttura seta' kellha fuq il-*waterproofing material*. Huwa sostna li jekk kien hemm xi dubju huwa kien iwaqqaf ix-xoghol. Huwa jaf li l-materjal kellu 600% *elasticity* imma wara testijiet li saru f'laboratorju rrizulta li l-materjal kellu 35% *elasticity*. Huwa tenna li l-konvenut kien infurmat dwar xi toqob li seta' ghamel l-electrician u dan biex jissiggillhom.

Huwa ma jafx li kien dahal xi ilma mill-hajt. Li kieku kien dahal l-ilma, il-konvenut kellu jaghmel *waterproof* ghal kull parti li kienet taffettwa l-areas li kellu jaghmel *waterproof*. Huwa qabel li l-konvenut kien responsabbli ghall-pool, iz-zewg lawns, il-giebja u z-zewg terrazzini.

Ix-xhud ma jiftakarx li kien hemm problema li dahal l-ilma mal-hajt ta' barra pero' sostna li jekk kellu jsir xi haga, il-konvenut kellu jaghti struzzjonijiet lill-bennej fuq ix-xoghol li kellu jsir.

Rat ix-xhieda tal-attur tal-4 ta' Lulju 2006 fejn in kontro-ezami rega' qal illi z-zewg lawns kien sar fuqhom xoghol fejn tnehhiet il-hamrija u sar ix-xoghol tal-waterproofing. Meta l-konvenut spicca mix-xoghol ghall-ewwel darba, il-hgieg kellu jitnehha. L-unika alterazzjoni tal-pool kien fil-hgieg. Ix-xhud iddikjara li Licari rega' wahhal il-hgieg u ssigillah tajjeb it-tieni darba bl-ghajnuna tal-*project manager*. Il-project manager huwa John Gusman. Sussegwentement, il-konvenut mar biex jerga' jizbogh il-pool. Huwa qal illi Licari ma talbux flus ghat-tieni darba li mar izda baqa' l-flus dovuti mill-ewwel kont minhabba li dam biex wahhal it-tieni hgiega. Mr Licari sostna li z-zebgha kienet difettuza.

Huwa sostna li prezentament l-hgieg kellu frame tal-hadid. Huwa ma jafx jekk l-ewwel hgiega li giet installata kellhiex frame. L-attur ikkonferma li l-frame kellu roqgha sadid li tnehhiet. Dan gara wara li l-hgiega giet imwehhla t-tieni d-darba. L-attur ikkonferma li kellhom jaharqu l-membrane biex jaqilghuh, fil-fatt dan inqala' minn Victor Portelli. L-attur ipprometta li ha jipprezenta kopja ta' dan il-kont. Huwa ma jiftakarx li kien igerger mal-konvenut li l-perit ma

kienx qed jigi fis-sit bizzejjed. Ma jiftakarx lanqas li Mr Gusman kien gerger mieghu li kien qed jaghmel xoghol ta' perit. L-attur ikkonferma li l-konvenut ghadu ma thallasx tax-xoghol li ghamel it-tieni darba fuq il-post.

L-attur ikkonferma li l-Perit Abela kien qed jikkordina x-xoghol u ma jiftakarx jekk il-perit kienx fuq il-post meta l-konvenut kien qed jaghmel l-ewwel fazi tax-xoghol.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Patrick Griscti Soler** tal-11 ta' Ottubru 2007 fejn iddikjara li l-konvenut kien talbu pariri teknici u ghalhekk mar mieghu fil-post 62, Triq il-Warda, Qala u raw il-*pool area* u nizlu wkoll fil-basement biex jara' x'problemi kien hemm peress li l-*pool* kien qed jaghmel l-ilma ghal go dan is-saqaf tal-*basement*.

Il-Perit tenna li l-post kien gdid u li l-*pool* sar integru mal-kumplament tad-deck. Huwa ghamel hafna xogholijiet ta' pools u jaf li l-pools ibaghtu minn certu problemi ta' *expansion joints*. Din il-pool ma kinitx kbira li tirrikjedi dawn l-*expansion joints* gewwa fiha, imma d-deck kien ikun ahjar li kieku ma kienx parti ntegrali mill-pool.

Waqt l-access, huwa ra li fil-kamra l-kbira fejn it-tieqa li taghti ghall-pool, bejn l-istess hajt tat-tieqa u s-saqaf, kien hemm *crack* li kienet qed taghmel l-ilma li gera mas-saqaf sal-appogg. Fuq wara kien hemm ukoll problemi ta' umdita'. Wara dan l-access huwa ghamel rapport datat 9 ta' Settembru 2004. Huwa esebixxa u kkonferma dan ir-rapport u gie mmarkat bhala Dok PGS1.

Sussegwentement huwa rega' mar fuq il-post u rrilaxxa rapport iehor fuq konstatazzjonijiet ulterjuri li kien ghamel. Il-Perit esebixxa u kkonferma dan ir-rapport Dok. PGS2.

Ricentement il-konvenut kien wera' lill-Perit zewg certifikati ta' testijiet li saru fuq iz-zebgha u li qed jaghrafhom bhala Dok. GS2 sa GS4, kif ukoll id-dokument esebit mill-atturi Dok. DB7. Il-Malta National Laboratory (MNL) ittestja xi samples li ttiehdu mill-pool. Ic-certfikati ta' Hellenic Foreign Trade Board dwar l-istess materjal huma testijiet biex jistabbilixxu l-karatteristici ta' elasticita, sahha

u permejabilita', imqabbdin indipendentament mill-manifattur. Il-Perit sostna li r-rapport tal-Hellenic Trade Board huwa attendibli peress li t-testijiet saru fuq standards stabbiliti u gie kwotat l-istess standard li qed jigi adottat.

Il-Perit stqarr illi fil-kaz ta' Dok. DB7, is-samples li ttiehdu ghat-test ma kienux addattati ghat-testing. Fil-fatt fl-istess rapport Dok. DB7 jghid illi meta pprova jaqla t-tajn, is-*sample* beda jinqasam u l-hxuna ma kinitx konsistenti. Barra minn hekk l-MNL ma semmewx l-istandard li kienu qed jadottaw.

Huwa hejja rapport dwar dawn iz-zewg testijiet ta' MNL u Hellenic Trade Board li jinsab esebit bhala Dok. GS1 u li huwa kkonferma l-kontenut tieghu. Fl-opinjoni tieghu, wahda mill-problemi ewlenin kienet in-nuqqas ta' *expansion joints* liema nuqqas wassal ghall-konsenuturi fid-deck u l-ilma beda jigri f'hafna postijiet. Kien hemm ukoll il-problema tal-bir taht il-pool. Billi s-saqaf tal-bir huwa *sloping* irrizulta *upthrust* u pore-pressure fil-kapillari tal-konkos li jimminaw iz-zebgha minn taht u joholqu qisu bziezaq.

Il-Perit iddikjara li huwa mar fuq il-post wara li nqalghu il-problemi kollha.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Godwin Abela** tat-12 t'April 2007 fejn in kontro-ezami ddikjara illi huwa kien inkarigat mill-attur dwar il-kostruzzjoni ta' l-izvilupp li ghamel l-attur il-Qala. Il-Perit kien irrakomanda lill-konvenut peress li l-attur ried jaghmel il-*finishing* tal-*pool*. Huwa sostna li ma ssupervizjonax iz-zebgha tal-*pool*. Il-konvenut kien urieh *sample* tal-materjal, u l-Perit ghogbu billi huwa *seamless application* u rrakkomanda li jitkellmu bejniethom.

Il-Perit stqarr illi originarjament kien hemm dar u l-izvilupp sar fl-art wara tad-dar, cioe' fuq l-irdum. L-izvilupp kien jikkonsisti fi skavar, kostruzzjoni ta' *pool* u *ancillary facilities* madwar. Separatament kien hemm ukoll estensjoni tas-*sun deck*. L-iskavar kien sar fuq livell wiehed u ma kienx *terraced*. Il-Perit tenna li l-istruttura tal-

pool tinsab fuq hajt dobblu u l-*pool slab* tinsab fuq l-*inner leaf* indipendentament mill-qoxra ta’ barra, filwaqt li l-kmamar tad-dawra jserrhu fuq l-*outer leaf*. Wara li saret il-platform, il-kostruzzjoni bdiet immedjatament. Il-Perit qal illi anke t-temp kien kostanti.

Il-Perit kien insista li l-kisja tal-*pool* issir mill-ewwel bhala - *water-retaining*. Il-kisja tar-*resevoir* saret mill-ewwel waqt li kienu ghadhom qed jikkompletaw il-kumplament tal-kostruzzjoni. Huwa ddikjara li l-*pool* u r-*resevoir* kienu mtlew bl-ilma qabel ma sar l-applikazzjoni taz-zebgha.

Il-konvenut kien wera’ lill-Perit *sample* u *literature* tal-materjal tat-tip *polymer* u l-Perit kien impressjonat bl-*istretching qualities* taghhom. Dan il-prodott qatt ma kien uzah il-Perit pero’ kien uza prodotti simili f’ambjenti ohra ghall-*waterproofing*. Huwa kien wasal ghall-konkluzjoni li l-materjal kien difettuz ghax ma kienx idoneju ghall-uzu tieghu f’dan il-kaz. Il-Perit iddikjara li huwa kien ra bicca materjal f’idejn il-konvenut u ma staqsiehx jekk tintuzax fuq il-konkos.

Rat illi fit-3 ta’ Ottubru 2007, il-konvenut esebixxa seba’ dokumenti li gew mmarkati GS1 sa GS7 li jikkonsistu f’rapport addizjonali mill-Perit Patrick Griscti Soler, rapporti fuq il-karatterestici tal-materjal uzat minnu, osservazzjonijiet maghmula mill-agent lokali tal-materjal uzat, struzzjonijiet dwar dettalji tal-gonot strutturali qabel ma’ nghata l-membrane u email mibghuta lill-konvenut mill-Malta National Laboratory.

Rat ukoll  ix-xhieda ta’ l-istess perit, l-**Perit Godwin Abela** tal-14 ta’ Novembru 2007 fejn in kontro-ezami stqarr illi taht il-platform hemm materjal imhallat, frijabli u parti minnu tafal. Taht il-platform hemm serje ta’ *ground beams* imsallba. Fuqhom hemm platform ta’ bejn 300 u 400mm hxuna.

L-istruttura qeghda f’bicctejn ghax il-hitan tal-pool huma tnejn. Il-hajt ta’ gewwa huwa s-support tal-pool u ta’ barra s-support tad-deck. Qal illi m’hemmx *expansion joint* bejn id-deck u l-*coping* tal-*pool* pero’ hemm gonta.

Il-Perit kompla jghid illi l-*pool* imtliet meta kienet miksija minghajr zebgha. Il-hgiega kienet imwahhla l-ewwel darba li mtela' l-pool. Il-hgiega nqalghet darba u regghet twahhlet pero' ma jafx jekk inqalghetx darb'ohra. L-ewwel darba li l-konvenut gab iz-zebgha din kienet solida. Iz-zebgha applikata ma kinitx idoneja ghax kienet kollha bziezaq u ghalhekk huwa kkonkluda li mhux tajjeb ghall-uzu tal-pool. Il-bziezaq kienu fil-qiegh u fil-gnub tal-pool. Dan il-blistering kien fl-ahhar applikazzjoni taz-zebgha.

Mistoqsi kif seta' kkonkluda illi l-materjal ma kienx idonju ghall-uzu ntenzjonat, meta huwa stess kien irrakomanda dan il-materjal meta l-konvenut kien urieh id-dettalji tal-materjal wiegeb illi mhux cert li l-materjal uzat hux l-istess bhas-*sample* tal-*polymer* li urieh il-konvenut qabel. Huwa ddikjara li l-materjal ma rahx fuq il-post. Huwa stqarr illi hija opinjoni personali tieghu li meta materjal jinqala' ma jkunx ghamel il-performance li suppost kellu jaghmel.

Mistoqsi mill-Perit Tekniku Joe Borg jekk setghatx saret *chemical reaction* mal-bazi li fuqha giet applikata z-zebgha jew ma' l-ilma wiegeb li jista' jkun u ghaldaqstant hu mportanti li min juzha jkun jaf x'qed jaghmel. Il-Perit sostna li l-materjal ma kienx ser jigi applikat fuq il-konkos imma fuq il-kisi. Il-kwalita' tal-materjal li gie muri lilu kien tajjeb u huwa ma dahalx fil-mertu mal-konvenut dwar is-sistema ta' applikazzjoni. Mistoqsi jekk hassx li kellu jivverifika l-materjal uzat kienx effettivament il-materjal muri lilu mill-konvenut qal illi le ma hassx il-bzonn. Mistoqsi dwar il-hitan ta' barra li jmissu mal-hamrija jekk sarilhomx *waterproofing*, qal illi hemm *plastic sheet* bejn il-hajt ta' barra u l-hajt adjacenti.

Il-**Perit Godwin Abela** rega xehed nhar it-23 ta' Ottubru 2008 fejn iddikjara li l-"hajt ta' barra" huwa l-hajt divizorju ma' propjeta ta' terzi filwaqt li l-"hajt adjacenti" huwa l-hajt intern li nbena fi proprjeta' esklussiva ta' l-attur. Fuq in-naha tal-lemin hemm ghalqa jew gnien ta' terzi kif thares lejn il-bahar. Mistoqsi jirrizultalux li avolja saret din il-*plastic sheeting*, il-hajt adjacenti xorta xxarrab, wiegeb li ma rahx u ma jafx. Huwa sostna li ftit kien involut fil-

*finishes* u kien iktar involut fl-istruttura. Il-Perit iddikjara li ma kienx hemm xquq fl-istruttura tal-*pool* kif qed jigi suggerit lilu.

Mistoqsi jekk jafx li s-saqaf ta' taht il-*lawn* inqasam qal li ma jafx ghax hadd ma sejjahlu biex jerga' jaccedi fuq il-post. Il-Perit qal illi t-tieqa tal-pool giet iffurmata waqt li kienu qed jinbnew il-hitan. Huwa ma jafx jekk fil-kuridur bejn il-*pool* u l-*lawn* hemmx *waterproofing*. Mistoqsi min kien inkarigat isegwi l-applikazzjoni tal-*liquid membrane* qal li huwa ma kienx involut fil-*finishes*. Huwa ma jafx li saru xogholijiet rimedjali fil-*finishes*. Huwa ddikjara li l-materjal tal-konvenut intuza fil-*pool* biss.

Il-Perit stqarr illi l-materjal uzat mhux idonju ghall-uzu, fis-sens li l-mod kif il-materjal wasal *on site* skond kif qallu l-attur, ma kienx tajjeb ghax kien solidu. Huwa ma jafx jekk il-materjal uzat fil-pool hux l-istess li ra ghand il-konvenut. Hu jaf li l-materjal li urieh il-konvenut kien fantastiku. Kif il-*builder* spicca l-kostruzzjoni, il-Perit kien tah l-ordni biex il-pool tinkesa mill-ewwel u hekk sar. Huwa ma jafx li saru xogholijiet strutturali fil-hajt bejn il-*pump room* u l-bir hlief il-fetha li taghti ghall-bir. Din il-bokkaport saret wara li nbena l-hajt.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010, **il-Perit Alan Saliba** pprezenta u halef ir-rapport tieghu. Il-Perit wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"1*. Id-difetti fil-membrane taht il-lawns hargu rizultat ta' fatturi estranji, li l-konvenut ma kellux kontroll fuqhom, u mhux minhabba xogholijiet mhux skont l-arti u s-sengha min-naha tal-konvenut.*

*2. Id-difetti fil-membrane tal-giebja hargu rizultat ta' fatturi estranji, li l-konvenut ma kellux kontroll fuqhom, u mhux minhabba xoghlijiet mhux skont l-arti u s-sengha min-naha tal-konvenut.*

*3. Id-difetti fil-membrane tal-pool hargu rizultat ta' fatturi estranji, li l-konvenut ma kellux kontroll fuqhom, u mhux*

*minhabba xoghlijiet mhux skont l-arti u s-sengha min-naha tal-konvenut."*

Rat illi fil-15 ta' Frar 2011 il-**Perit Tekniku Joseph Borg** halef ir-rapport gia pprezentat. Fix-xhieda tieghu li saret f'din is-seduta stess, huwa gharaf ir-relazzjoni u kkonferma l-kontenut taghha.

Rat in-nota tal-attur David Borg li giet ipprezentata fid-9 ta' Marzu 2011 illi biha jiddikjara li ghandu interess li jigu nominati periti addizzjonali, u dana fir-rigward tar-rapport tal-periti teknici l-A.I.C. Alan Saliba u Joseph Borg, tnejn minn liema periti addizzjonali ghandhom jkunu periti arkitetti u l-iehor espert fil-materja ta' waterproofing.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur David Borg ipprezentata fid-19 ta' April 2011 fejn espona:

*"Illi l-prezenti sottomissjonijiet qed isiru bhala kritika fir-rigward tar-rapport peritali redatt u mahluf mill-AIC Alan Saliba fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi.*

*Illi l-attur hassu aggravat mill-konkluzjonijiet tar-rapport peritali b'mod specjali dawk f'paragrafu 37 u 38 fejn gie deciz li d-difetti fil-membrane tal-pool u tal-giebja gew attribwiti lill-fatturi estranji li l-konvenut ma kellux kontroll fuqhom u dana kemm peress illi l-esponent ihoss illi dina l-konkluzjoni hija zbaljata kemm fil-fatt u anke fi dritt u anke peress illi l-perit tekniku kien fid-dover li jaghti ragunijiet cari u precizi kif wassal ghal konkluzjoni tieghu u biex jispjega x'kienu l-imsemmija fatturi estranji li kkawzaw dawn id-difetti.*

*Illi l-ilmenti tal-attur kienu jirrigwardaw principalment id-difetti fil-pool u fil-giebja rizultanti mill-applikazzjonijiet ta' materjali tal-konvenut u kien ghalhekk li ttiehdu passi legali kontra l-konvenut fejn id-difetti kienu rizultat tal-materjali mhux idoneji applikati mill-istess konvenut.*

*Illi dwar il-giebja w l-pool, fejn irrizultaw imfafat (bubbling) wara l-applikazzjoni tal-membrane mill-konvenut, is-segwenti fatti gew kompletament injorati:*

- *Il-giebja tinsab taht il-pool u cioe' l-art tal-pool hi s-saqaf tal-giebja; wara l-kostruzzjoni din il-giebja giet miksija bil-kisja tradizzjonali ta' ramel u siment bil-compound u minn mindu dan sar qatt ma kien hemm problemi ta' leaking mill-istess giebja u wisq anqas cracks rizultanti minn settlement ta' l-istruttura, liema struttura qeghda sserrah fuq serje ta' travi fondi aktar minn metru u platform fonda nofs metru. Intghazlet din it-tip ta' struttura minhabba n-natura tas-sottoswol li kien jikkonsisti fi blat imkarrak u tafli.*

- *L-attur iddecieda, a volja ma kienx hemm bzonn, illi japplika liquid membrane gol-giebja u mal-pool kif ukoll zebgha u din saret mill-konvenut liema konvenut missu kien jaf li f'giebja hemm il-presenza kostanti ta' umdita', liema umdita tibni back pressurs fuq il-wicc tal-giebja u allura kellha tintghazel membrane u zebgha bi kwalitajiet ta' trasmissjoni ta' din l-umdita sabiex ma tigix effetwata z-zebgha u ma jidhrux l-imfafat li fil-fatt dehru.*

- *L-istess gara fil-pool li tinsab sovvrastanti l-giebja, anzi f'dan il-kaz il-konvenut kien jaf x'kellu jaghmel bhala espert fil-materja specjalment wara li kien spicca x-xoghol ta' applikazzjoni tal-membrane fil-giebja.*

- *Gie skartat kompletament il-fatt li meta wasal parti mill-materjal tal-konvenut fuq is-sit u nfethu l-kontenituri, il-materjal instab fi stat solid u kellu jigi skartat mill-istess konvenut; il-materjal gie applikat ma kienx spezzjonat kollu mill-attur, liema attur halla f'idejn il-konvenut biex l-applikazzjoni tal-membrane issir b'uzu ta' materjali idoneji u mhux b'materjal diga diffettuz, wara kollox il-konvenut hu l-espert in materja.*

- *Illi l-kwistjoni tal-hgiega ma kellix x'taqsam max-xoghol tal-attur, il-hgiega inqalghet wara li l-konvenut kien diga lesta xoghlu l-ewwel darba; inqalghet ghal ragunijiet*

*ta' proper fixing u mhux minhabba xi raguni ohra. Meta l-hgiega regghet tpoggiet il-konvenut mar u rranga dik il-parti madwar il-hgiega li giet effetwata bic-caqliq pero' dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-imfafat li bdew jidhru mal-ucuh tal-pool kollu.*

- *Effett iehor li ma ssemiex kien il-fatt li meta bdew jghumu persuni fil-pool u jmissu mal-gnub tal-pool bdew isibu tbajja fuq il-malji taghhom, certament dawn gejjin miz-zebgha tal-pool u mhux rizultat ta' fatturi estranji, mhuwiex normali li zebgha ta' pool terhi fuq il-malji tal-ghawwiema.*

*L-attur baqa' jsostni li nkariga lill-konvenut biex japplika l-membrane u z-zebgha skond is-sengha u l-arti u li dan fil-fatt ma qeghdix l-inkarigu lilu moghti mill-attur skond is-sengha u l-arti. Il-konvenut kellu jkun espert fil-qasam u kien jaf fejn qed issir l-applikazzjoni kif ukoll it-tip ta' struttura li kien hemm. Kien id-dover tieghu jaghzel il-materjali idoneji ghal dawk ic-cirkostanzi u dan m'ghamlux.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jisottometti li l-periti addizzjonali ghandhom jsibu li l-konvenut huwa tassew responsabbli ghad-difetti fil-pool u fil-giebja rizultanti mill-applikazzjonijiet ta' materjali tal-konvenut mhux idonju hekk kif applikati mill-istess konvenut."*

Rat fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2011 li l-Qorti nnominat bhala periti perizjuri lil AIC Jesmond Mugliett, AIC Mario Cassar bhala Chairman stante li hu l-Perit anzjan u l-AIC Valerio Schembri.

Il-**Perit Jesmond Mugliett** xehed nhar it-23 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li hu flimkien mal-Periti Mario Cassar u Valerio Schembri gew nominati fl-atti ta' din il-kawza b'digriet bhala periti perizjuri fuq rapport li kien gie pprezentat mill-perit Alan Saliba. Esebixxa r-relazzjoni ulterjuri taghhom, liema relazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument RT.

Xehed il-**<u>Perit Valerio Schembri</u>** flimkien mal-**<u>Perit Mario Cassar</u>** fejn halfu r-relazzjoni taghhom bil-gurament.

Illi mill-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tal-Periti Perizjuri jirrizulta illi:

*1. "Id-difetti fil-liquid membrane tal-lawns sehh a kawza ta' movimenti fl-istruttura ta' l-istess dwar liema moviment il-konvenut ma kellu l-ebda forma ta' kontroll. Jirrizulta madanakollu illi l-konvenut kellu suspett serju li tali moviment seta' jissustixxi ghaliex ma kienx hemm expansion joints. L-istess konvenut kien konxju li l-materjal ossia liquid membrane li kien ser jigi suplit ma kienx jiflah ghal movimenti ta' dik l-entita' pero' ghazel xorta li jaghmel ix-xoghol minghajr se mai ma ha parir professjonali fir-rigward qabel esegwixxa x-xoghol.*
*2. Fir-rigward ta' l-imfafet fil-liquid membrane tal-giebja l-esponent ma jaqblux ma' l-ewwel perit li l-konvenut ma kellux kontroll fuq il-fatturi estranji li kkagunaw id-difett. Bir-rispett jirrimarkaw illi l-konvenut kien f'pozizzjoni li jinvestiga, jindaga u jinduna li d-dettal jew nuqqas tieghu kien ser jirrizulta f'umdita fil-wicc li fuqu ser jigi applikat il-liquid membrane. Jekk il-konvenut kien jaf li l-materjal supplit ma kienx jiflah ghal din l-umdita' allura messu qatt ma applikah. Jekk il-konvenut kien konvint li l-materjal huwa adattat allura jsegwi li ma kienx hemm bond tajba bejn il-materjal u l-wicc u tali nuqqas jista' jirrizulta kemm mill-primers etc uzati, mill-mano d'opera u anke finalment mill-kapacita' tal-prestazzjoni tal-materjal fis-sitwazzjoni li gie applikat fiha.*
*3. Id-difetti fil-coatings tal-pool hargu minhabba li l-coatings applikati ma kienux propizji ghas-sitwazzjoni li gew applikati fiha."*

Il-**Perit Valerio Schembri** u **l-Perit Mario Cassar** xehdu fil-21 ta' Novembru 2012 fejn iddikjaraw li l-hsarat effettivi huma ma kinux rawhom u dan peress li l-attur kien diga' rrimedja s-sitwazzjoni. Mistoqsija ghaliex huma kkonkludew li l-konvenut kellu suspett li x-xoghol ma kienx qed isir tajjeb u anke x-xoghol li sar qablu ma kienx tajjeb. Humaa spjegaw li jekk tara fol 106 tal-process, u cioe' item 9 mix-xhieda li hemm miktuba, il-konvenut kellu xi

forma ta’ suspett li seta’ kien hemm xi cracks. Rigward il-kwistjoni ta’ *expansion joints* strutturali, din hija kwistjoni ta’ perit ghax il-perit ikun responsabbli ghalihom, filwaqt illi l-kuntrattur huwa responsabbli ghal *expansion joints* fil-*water proofing membrane*.

Il-Perit komplew jispjegaw li jekk wiehed jara’ paragrafu 10 tar-rapport taghhom, jinghad illi Stephen Camilleri kien inkariga lil Perit Grixti Soler u jekk se mai dan Stephen Camilleri kellu dan is-suspett li huma kienu ha jghidu dak li filfatt kellu, huwa messu gibed l-attenzjoni tal-Perit Grixti Soler jew jekk ma kienx cert minn dak li kien qed isir, messu qabad u ma ghamilx ix-xoghol mill-ewwel.

Huwa sostna li huma waslu ghall-konkluzjoni taghhom minn dak li qraw mill-process. Huwa stqarr illi jidher li huwa Godwin Abela, il-perit tal-attur li kien inkarigat minn dan il-progett. Il-Perit ikkonferma li l-post tal-attur huwa fuq *terrace sloping down*, fuq ir-rih ta’ Kemmuna. Huma ma jistghux jghidu jekk kienx hemm *expansion joints* fil-post in kwistjoni, pero’ f’dik l-istruttura partikolari ma hemmx bzonn ta’ *expansion joints*, hemm il-bzonn ta’ *construction joints*. Is-*swimming pool* u d-dar in kwistjoni ma humiex ma’ xulxin, huma zewg strutturi separati. Bilfors pero’ li fis-sit in kwistjoni kien hemm *construction joints*, pero’ huma ma rawhomx. L-ispazju bejn struttura u ohra minnu nnifsu huwa *construction joint*. Jekk is-*swimming pool* ghall-grazzja tal-argument kien ser ikollha xi moviment, hi ser tinzel bodily u l-binja tinzel bodily ghaliha u jekk ikunu joint bejniethom naturalment ikun hemm qsim. Huma ma raw l-ebda *movement joints*.

**Il-Perit Mario Cassar flimkien mal-Perit Valerio Schembri u mal-Perit Jesmond Mugliett** xehdu in eskussjoni fis-6 ta’ Marzu 2013 fejn ikkonfermaw illi ma kienx hemm maghhom espert tal-water proofing. Pero’ huma bhala periti ghandhom idea tajba ta’ xiex ghandu jikkonsisti l-water proofing ghalkemm m’humiex specjalizzati fil-water proofing. Huma kkonfermaw illi huma ma kinux raw il-hsara li kien hemm qabel ma l-post gie trangat ghax raw is-sit meta kien lest.

Il-Periti kkonfermaw illi meta huma gew biex jaghmlu r-rapport taghhom kienu raw il-process kollu ghalkemm l-inkarigu taghhom kien biex jaraw ir-rapport tal-Perit Saliba u jaraw jekk jaqblux mieghu jew le. Naturalment huma ghamlu aktar emfasi fuq dak li huwa relatat ma’ dak li kkonkluda dwaru l-perit Saliba. Huma waslu ghall-konkluzjoni li f’certu kazijiet kien hemm kontradizzjoni ghal dak li kkonkluda l-Perit Saliba. Huma naturalment waslu ghal din il-konkluzjoni wara li effettivament raw dak li qalu x-xhieda. Huma cahdu li l-process ma rawhx kollu.

Mistoqsi jekk huwiex minnu li huma qablu mal-Modus Operandi tal-Perit Saliba pero’ ma qablux mal-konkluzjoni raggunti minnu wiegbu li huma qablu mieghu fis-sens tal-motivazzjoni tieghu li kkonstata dak li kien gara ta’ fatt u x’sengha ikkaguna l-fatt. Pero’ huma hargu bil-konkluzjoni li dawk il-fatturi li graw il-konvenut qal li ma kienx jaf bih u ma ghandux x’jaqsam maghhom u li sabhom lesti hemmhekk. Huma sostnew illi dan mhux minnu ghax irrizulta bic-car li huwa kellu suspetti li seta’ kien hemm xi moviment u allura kien staqsa lill-attur u ghamel xi xoghlijiet. Ghalhekk huma waslu ghall-konkluzjoni li jekk una volta kellu dan is-suspett messu jew qabbad tekniku jew ma jaghmilx dak ix-xoghol li ghamel. Fil-fatt huma waslu ghall-konkluzjoni li ma setghax jaghmel ix-xoghlijiet li ghamel.

Il-Periti gew mgharrfa li huma qalu li l-konvenut kien qieghed janticipa li kien ser ikun hemm dawn il-hsarat pero’ nonostante dan huwa ghamel ix-xogholijiet. Gie suggerit lilhom li huma waslu ghall-konkluzjoni li l-hsarat graw minhabba fatturi estranei mix-xoghol esegwit mill-konvenut ta’ water proofing pero’ fic-cirkostanzi messu anticipa l-hsarat. Huma ddikjaraw illi fil-fatt waslu ghall-konluzjoni li jekk il-konvenut kellu suspett li kien ser ikun hemm xi moviment, il-konvenut messu l-ewwel kien cert u mbaghad japplika l-water proofing. Jekk kien jaf li ser ikun hemm certu moviment ma kellux japplika l-water proofing li effettivament applika ghax il-konvenut jaf li certu materjal ma jerfax certu moviment.

Huma spjegaw li kien hemm kaz iehor meta certu coating ma qabadx u allura jekk il-konvenut kien jaf li seta' ma qabadx kif filfatt irrizulta ma messux applikah mill-ewwel. Mistoqsi jekk effettivament jafux li kien hemm perit involut qalu li kien hemm il-perit nominat mill-attur. Fil-fatt kien hemm il-Perit Godwin Abela u kien responsabbli ghall-istruttura. Huma ma jafux jekk dan il-Perit kienx nominat ghall-finishes. Mill-ezami tal-process ma jirrizultax li l-Perit Godwin Abela approva l-materjal li kien ser juza l-konvenut. Dan jidher ukoll mix-xhieda tal-Perit li saret fit-12 ta' April 2007. Dan ghax wara li jsir aktar studju tax-xhieda li giet ikkwotata lilhom seduta stante jirrizulta li huwa kien wasal ghall-konkluzjoni li l-materjal kien difettuz u ma kienx idonju li jintuza fil-kaz. Filfatt il-Perit Abela qatt ma qal li approva l-uzu ta' dan is-sample.

Il-Periti jaqblu li l-Perit Abela wasal ghall-konkluzjoni li l-materjal ma kienx idonju. Huma tennew li l-Perit Saliba flimkien mal-espert Joe Borg ma waslux ghall-konkluzjoni li l-materjal uzat kien difettuz u lanqas huma bhala periti addizjonali ma waslu ghall-konkluzjoni li l-materjal uzat kien difettuz. Il-konkluzjoni taghhom bhala periti perizjuri hi li meta l-konvenut applika dan il-materjal messu kien cert mis-substrate li kien hemm tahtu. Il-fatt kif kienet l-istruttura kienet wahda li kienet ser ticcaqlaq u tant kien konxju l-konvenut dwar dan li staqsa jekk kienx hemm *expansion joints* jew affarijiet simili. Huma sostnew illi l-perit huwa responsabbli ghall-*expansion points*.

Il-Periti saritilhom referenza ghad-dokument SC1 u ghar-ritratt mehud fl-10 ta' Marzu 2004 inserit fl-atti tar-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba kif ukoll ghal dokument SC2 fl-istess relazzjoni partikolarment ghar-ritratt tan-naha t'isfel minn naha tax-xellug indikat bhala 02. Mistoqsi x'ghandu x'jaqsam il-ventilazzjoni mal-kwistjoni ta' waterproofing wiegbu li m'ghandu x'jaqsam xejn. Il-kwistjoni jekk iccaqlaq l-istruttura semmai tigi affetwata l-water proofing. Ma hemmx kwistjoni ta' ventilazzjoni ghax filfatt il-fetha parti minnha ghadha miftuha sal-lum kif indikat fir-ritratt 02 u cioe' l-parti l-kbira.

Saritilhom ukoll referenza ghar-ritratti esebiti fl-atti innumerati 3 max-xhieda li ta’ Stephen Camilleri quddiem il-Perit Alan Saliba, anzi fid-dikjarazzjoni tieghu, mmarkata bhala dokument SC3. Referenza ghal dak li qal il-konvenut fl-affidavit tieghu fol 6 taht l-intestatura green area. Mistoqsija jekk hadux in konsiderazzjoni l-aggustamenti li saru mill-attur wiegbu li ma hemm l-ebda referenza f’din ix-xhieda tal-konvenut ghar-ritratti li gew muriha lilhom u lanqas ghall-allegazzjoni li kien hemm structure movement ta’ zewg pulzieri. Din ma ntqalitx fl-affidavit izda ntqalet biss viva voce. Huma rawhom dawn ir-ritratti esebiti fl-atti. Huma jafu li t-tieqa taht il-pool inbidlet, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti.

Huma ikkonfermaw li fil-basement kien hemm l-umdita’. L-umdita’ kienet hemmhekk ghax il-kamra qieghda taht l-art u jista’ jkun li hemm nuqqas ta’ cirkolazzjoni. Pero’ dan ma ghandux x’jaqsam mal-mertu. Huwa naturali li l-konvenut ma ghandux jahti ghax-xoghol li sar tat-tieqa ghax dawk saru mill-attur. Huwa minnu li l-hsarat li kien hemm kagun ta’ *leakage* fit-tieqa ma jahti xejn ghalihom il-konvenut. Huma jaqblu li fil-fatt l-attur ghamel xi xoghlijiet wara li l-konvenut lesta mix-xoghol ta’ water proofing fil-green area. Mistoqsi jekk ix-xoghlijiet li ghamel l-attur affetwawx il-water proofing li sar minn taht wiegbu li effettivament xoghlijiet saru mill-attur pero’ ma jirrizultax ezattament il-pizijiet li zdiedu u anke jekk il-pizijiet zdiedu ma kienx ser ikollhom effett ghaliex l-ispan hija ta’ 6 piedi. Ghal kwistjoni ta’ *settlement* ta’ saqaf dawk iz-zewg filati li saru ma humiex relevanti.

Rat in-nota ta sottomissjoni ulterjuri ta’ l-attur David Borg kif prezentata fl-atti nhar il-15 ta’ April 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet risponsiva tal-konvenut pprezentata fl-atti nhar il-15 ta’ Mejju 2013.

Semghet lill-partijiet fis-seduta tas-6 ta’ Marzu 2013 jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u li ma kellhom xejn xi jzidu wara li n-noti rispettivi taghhom jigu inseriti fl-atti.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex jaghmillu xi xoghol ta' waterproofing fil-fond tieghu bl-isem 'Aktarx', 62, Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex liema xogholijiet fil-fehma ta' l-attur ma sarux skond is-sengha u l-arti u del resto anke skond kif certifikat mill-Perit Godwin Abela, kopja ta' liema huwa esebit fl-atti u  mmarkat Dokument 'A'. Il-konvenut min-naha tieghu qed jeccepixxi li ma ghandu ebda responsabbilita' tal-eventwali hsarat allegatament kagonati fil-bini in kwistjoni u dana in vista tal-fatt illi huwa esegwixxa x-xogholijiet skond kif titlob is-sengha u l-arti u b'materjal mill-aqwa skond kif mitlub u approvat mill-Perit Tekniku tal-istess attur. Izid ighid illi ghandu jirrizulta invece li l-allegata hsara giet kagonata per konsegwenza ta' caqliq fl-istruttura nfisha ghal liema akkadut m'ghandux certament iwiegeb l-istess eccipjent.

Illi stante in natura tal-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut il-Qorti kienet innominat lill-Perit Alan Saliba sabiex jaccedi fuq il-post jara x-xoghlijiet u wara li jisma x-xhieda bil-gurament jipprezenta ir-relazzjoni tieghu wara li jkun ha konjizzjoni tat-talbiet attrici u l-ecezzjonijiet tal-konvenut. Dan fil-fatt ghamlu pero' l-konvenut ma kienx sodisfatt bir-rizultanzi tal-perit u ghalhekk ghamel talba ghal perizja perizjuri u l-Qorti, a spejjes provizorjament ghall-konvenut, kienet ukoll innominat tlett periti ohra u cioe' lil Perit Jesmond Mugliett, l-Perit Valerio Schembri u l-Perit Mario Cassar sabiex jirrevedu l-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Alan Saliba in vista tal-provi migbura mill-partijiet. Dawn ukoll ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom li tinsab esebita fl-atti.

Illi l-partijiet ghamlu domandi lill-Periti Teknici in eskussjoni tar-rapport taghhom u l-periti teknici baqghu izommu ferm mal-konkluzjonijiet illi waslu ghalihom fir-rapport taghhom. Illi mhemmx dubbju li, din il-kawza kienet tittratta kriterji ta' natura teknika u certament dan il-punt ma setghax jigi sprunat u deciz minn din il-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja.

Il-Qorti ghalkemm kellha tezamina akkuratament ir-rapporti tal-esperti teknici minnha mahtura sabiex tara jekk dawn il-periti teknici sodisfacentement u adegwatament investew il-meritu u l-konkluzjonijiet illi waslu ghalihom issodisfawx il-kwezit ta' natura teknika. Molto piu' meta tqis li l-periti tal-perizja perizjuri waslu ghal konkluzjoni kompletament opposta minn dik raggunta minn l-ewwel Perit Alan Saliba.

*"In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

*"Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma tkunx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` ghandha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku."* ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Dwar il-piz probatorju ta` relazzjoni peritali il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", qalet hekk:

"K*emm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika*

*ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).*

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ta kuntratt ta' appalt lill-konvenut sabiex johodlu hsieb il-waterproofing fil-proprjeta' tieghu gewwa Ghawdex u dan wara li kien gie installat pool.

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' April 1968 fil-kawza "**Busuttil vs Fedele et**" fejn *inter alia* kienet citata s-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza "**Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza "**Busuttil vs Fedele et**", il-Qorti qalet hekk:

"... *il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma*

*dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod*
*li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba linadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta Riduzzjoni."*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza "**Bonnici noe vs Sammut**".

Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa` kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni. Fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Darmanin vs Agius"** deciza fid-9 ta` Ottubru 2004, kien inghad is-segwenti *inter alia*:

Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut *"illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li `l quddiem juri difetti. L`imprenditore ha l`obbligo di eseguire bene l`opera commessagli, secondo i dettami dell`arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol.XXVII.I.373*). Dan fis-sens li hu *"ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (*Kollez Vol XL.I.485).

It-tieni principju jghid illi *"l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (*Kollez. Vol XXXVII.III.883). *Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem"*

*(***Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe***", Appell Kummercjali, 27 ta` Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI.I.667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent."*

L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina propju (ara **l-Art.1069[2] tal-Kap.16**) ghaliex huwa jitqies in kolpa minhabba l-inadempiment ta` obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-*onus* tal-prova ta` danni tibqa` tispetta lil min jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali.

**Rizultanzi mill-provi.**

Illi din il-materja hija wahda purament teknika u jidher li l-periti perizjuri ma jaqblu xejn mal-konkluzjoni tal-ewwel perit ant li bidlu r-rizultanzi kollha ta' l-ewwel Perit Alan Saliba u minflok ikkonkludew li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-attur. Fil-fatt fil-konkluzjoni taghhom, li din il-Qorti ma tistax tiskarta facilment u lanqas tikkontradixxi stante it-teknikalita' taghha li ghalkemm i*d-difetti fil-liquid membrane tal-lawns sehh a kawza ta' movimenti fl-istruttura ta' l-istess dwar liema moviment il-konvenut ma kellu l-ebda forma ta' kontroll, jirrizulta madanakollu illi l-konvenut kellu suspett serju li tali moviment seta' jissustixxi ghaliex ma kienx hemm expansion joints. L-istess konvenut kien konxju li l-materjal ossia liquid membrane li kien ser jigi suplit ma kienx jiflah ghal movimenti ta' dik l-entita' pero' ghazel xorta li jaghmel ix-xoghol minghajr se mai ma ha parir professjonali fir-rigward qabel esegwixxa x-xoghol.*

Il-Periti Teknici ikkonkludew ukoll fir-rigward ta' l-imfafet fil-liquid membrane tal-giebja li huma ma setghux jaqblu ma' l-ewwel perit li kkonkluda l-konvenut ma kellux kontroll fuq il-fatturi estranji li kkagunaw id-difett. Bir-rispett irrimarkaw illi l-konvenut kien f'pozizzjoni li jinvestiga, jindaga u jinduna li d-dettal jew nuqqas tieghu kien ser jirrizulta f'umdita' fil-wicc li fuqu ser jigi applikat il-

liquid membrane. Jekk il-konvenut kien jaf li l-materjal supplit ma kienx jiflah ghal din l-umdita’ allura messu qatt ma applikah. Jekk il-konvenut kien konvint li l-materjal huwa adattat allura jsegwi li ma kienx hemm bond tajba bejn il-materjal u l-wicc u tali nuqqas jista’ jirrizulta kemm mill-primers etc uzati, mill-mano d’opera u anke finalment mill-kapacita’ tal-prestazzjoni tal-materjal fis-sitwazzjoni li gie applikat fiha. Id-difetti fil-coatings tal-pool hargu minhabba li l-coatings applikati ma kienux propizji ghas-sitwazzjoni li gew applikati fiha.

Il-Qorti ma thossx li ghandha l-esperjenza u wisq inqas it-teknika sabiex tmeri dan ir-rapport tal-periti perizjuri u wara li fliet l-atti processwali innotat li l-konkluzjonijiet tal-perit huma imsejsa fuq il-provi prodotti mill-partijiet.
Jinghad li fir-rapport il-periti ma llikwidawx id-danni subiti mill-attur ghalkemm iddikjaraw li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur. Ghalhekk fin-nuqqas ta’ tali likwidazzjoni din il-Qorti kellha tistrieh fuq il-prospsett esebit mill-attur liema prospett ma giex kontradett jew imcahhad mill-konvenut.

**Danni**

L-attur fix-xhieda tieghu tal-31 ta’ Mejju 2005 spjega x’kienet l-ispiza li kellu jghamel minhabba id-danni subiti minnu in konnessjoni max-xoghol hazin li ghamel il-konvenut. Jinghad li dawn l-hlasijiet ma gewx kontestati u lanqas l-ircevuti taghhom ma gew imcahda mill-konvenut. Id-danni subiti mill-attur jikkonsistu fis-segwenti.

1. *Remedial works* li huwa ghamel taht il-lawns Lm82.50 izda bla ricevuta u ghalhekk zgur li din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.
2. *Strips of the paintwork* gie mehud f’laboratorju nazzjonali u hallas Lm76.70 (vie Dok DB 8) sabiex jigi stabilit l-elasticita’ li kellha tkun 600% meta fil-fatt skond ir-rizultati esebiti minnu l-elasticita kien ta’ 35% (Dok DB7).
3. Flus li huwa hallas lill-konvenut sabiex saru xi xoghol riparatorju fil-*lawn* fl-ammont ta*’ Lm576 (zewg kontijiet fl-ammonti ta’ Lm348 u Lm228 rispettivament)* skond Dok DB9*.*

4. Materjal uzat ghat-tibjid tar-reservoir fl-ammont ta' Lm855.60 (Lm8.56 per sq m) kif indikat fid-dokument esebit u markat bhala DB 10 liema zebgha ikkrejat bziezaq (bl-ingliz '*bubbles*' li ghandu jitnehha u jnzebgha mill-gdid b'applikazzjoni ohra). L-ewwel zebgha swietu Lm1,618.02 (skond kif immarkat bl-isfar mill-istess attur fid-Dok DB14 u mhux Lm1,839 kif indikat mill-attur fix-xhieda tieghu tal-31 ta' Mejju 2005) u ghat-tieni applikazjoni u cioe' l-applikazzjoni l-gdida qed jippretendi is-somma ta' Lm951 (Dok DB 24) ghalkemm tali somma ahharija ghadu ma hallashiex.
5. Spiza ta' Lm1,465.89 li nefaq sabiex inaddaf il-pixxina u sabiex terga tinghata l-coating mehtieg (skond Dok S3 a fol 143).

B'hekk it-total li qed jippretendi l-attur hija ta' hamest elef, hames mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm5,543.21 - ekwivalenti ghal tnax-il elf, disa' mija u tnax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu [€12,912.21]). L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu qed jippretendi wkoll li jithallas l-interessi fuq din is-somma pero' stante li din il-Qorti hija limitata bil-kompetenza taghha *ratione valoris* qed jillimita t-talba tieghu ghal €11,646.87.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' it-talba ta' l-attur b'dan illi qed tiddikjara li l-attur sofra danni minhabba li x-xoghlijiet tal-konvenut konsistenti f'waterproofing li saru fil-fond 'Aktarx', 62, Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex proprjeta' ta' l-attur ma kienx skont is-sengha u l-arti u konsegwentement qed tillikwida id-danni sofferti mill-istess attur fl-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centesmu (€11,646.87).**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-imghax fuq is-somma likwidata ghandu jibda' jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------